MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Talba Numru. 1812/2002

**John Baptist Zammit**

**vs**

**Vodafone Malta Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-27 ta' Lulju 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elf, erba' mija u tnax il-lira Maltin (Lm1,412.00) rapprezentanti danni sofferti mill-attur minhabba li s-socjeta' konvenuta qatghet il-linja tac-cellulari tal-attur minghajr ebda raguni valida. Dawn id-dannni jirrizultaw billi l-attur kellu jistampa 'stationery' mill-gdid bin-numru telefoniku gdid kif ukoll

riklami fuq il-‘media’ li fihom ixxandar in-numru telefoniku gdid.
B’riserva ghal danni li l-attur sofra minhabba telf fil-bejgh.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn hija eccepiet li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante li s-socjeta’ konvenuta ma kkawzat ebda danni lill-attur kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.
Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema’ x-xhieda tal-attur, ta’ Frans Micallef u ta’ Sharon Calleja. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-azzjoni attrici tirrigwarda danni allegatament sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-agir tas-socjeta’ konvenuta meta din issospendiet is-servizz tal-uzu tal-linja telefonika cellulari li hija kienet qed tipprovdi lill-attur ai termini ta’ ftehim datat 16 ta’ April 1998 li jinsab esebit a fol. 26 u 27 tal-process. Mill-provi rrizulta li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-prezz tas-servizzi provduti mis-socjeta’ konvenuta lill-attur kellhom jithallsu permezz tad-‘direct debit system’. Ghal dan il-ghan l-attur kien awtorizza lil bank tieghu, l-HSBC Bank Malta plc (Luqa Branch) permezz ta’ “Direct Debit Mandate” sabiex jiddebitaw il-kont tieghu “with unspecified amounts which Vodafone Malta Limited may debit thereto by Direct Credit”. Din id-‘Direct Debit Mandate’ giet iffirmata mill-attur fl-20 ta’ Gunju 2001 u kopji taghha jinsabu esebiti a fol. 36 u 38 tal-process. Mill-provi rrizulta wkoll li bejn Lulju 2001 u Ottubru 2001 kien hemm pagamenti li ma gewx onorati mill-Bank tal-attur u konsegwentement is-socjeta’ konvenuta hadet passi sabiex f’Novembru 2001 tissospendi u finalment taqta’ l-linja provduta minnha lill-attur u dan wara li ntbaghtu diversi ittri lill-attur fejn huwa gie avzat bil-provvedimenti li kienet ser tattwa s-socjeta’ konvenuta fl-eventwalita’ li l-pagamenti relattivi ma kienux

ser jigu effetwati. Is-socjeta' konvenuta issospendiet is-servizz ai termini tal-klawzola numru 10 tal-ftehim bejn il-partijiet liema klawzola tipprovdi li hija tista' tissospendi s-serivizz minghajr ebda avviz lill-utent fl-eventwalita' li "the direct debit mandate completed by the Customer is not accepted by the Customer's bank or is subsequently cancelled". L-attur isostni li s-socjeta' konvenuta kienet negligenti fl-agir taghha peress li hija qabdet u qatghatlu l-linja meta kellha l-fakulta' li tircievi l-pagamenti minnha mitluba permezz tad-'direct debit'.

Illi mid-dokumenti esebiti a fol. 21 sa 23 tal-process, mix-xhieda ta' Sharon Calleja, ir-rapprezentanta tas-socjeta' konvenuta, u mix-xhieda ta' Frans Micallef, manager tal-HSBC, jirrizulta li effettivament kien hemm diffikultajiet sabiex jigi attwat id-'Direct Debit Mandate' moghti mill-attur lill-Bank tieghu u li konsegwentement is-socjeta' attrici ma kienetx qed tithallas tas-servizz provdut minnha lill-attur. Fil-fehma tat-Tribunal il-pern kollu tal-kawza odjerna huwa proprju jekk kienx hemm xi negligenza da parti tas-socjeta' konvenuta in kwantu jirrigwarda dawn id-diffikultajiet fl-esekuzzjoni tad-'Direct Mandate Form', kif qed jallega l-attur.

Illi gew esebiti zewg kopji tad-'Direct Debit Mandate' in kwistjoni, wahda mill-attur ( a fol. 36 tal-process) u l-ohra minn Frans Micallef, il-manager tal-bank ( a fol. 38). Dan tal-ahhar fid-deposizzjoni li ta fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2002 sostna li fuq il-'Mandate Form' in kwistjoni li ntbaghtet lill-Bank mis-socjeta' konvenuta, fejn ikun hemm imnizzel in-numru tal-kont tal-klijent, kien hemm id-dettalji tal-kont indikati erronjament u kien ghal din ir-raguni li ma setghax jigi effetwat id-'direct debit'. Dejjem skond dan ix-xhud, din il-'Mandate Form intbghtet lura lis-socjeta' konvenuta izda l-Bank dam ma rcieva lura din il-formola u fil-frattemp il-Bank rega' rcieva talba ghal pagament ohra minghand is-socjeta' konvenuta. L-ewwel attentat sabiex isir dan id-'direct debit' sar fil-5 ta' Lulju 2001, rega' sar attentat iehor fil-25 ta' Awissu 2001 u iehor fis-27 ta' Settembru 2001 izda anki dawn iz-zewg attentati ma rnexxewx. Dejjem skond Frans Micallef dawn il-pagamenti ma setghawx jigu effetwati ghaliex il-Bank

kien ghadu ma rceviex il-'Mandate Form' bid-dettalji korretti minghand is-socjeta' konvenuta. Dan ix-xhud isostni wkoll li fit-3 ta' Ottubru 2001 "il-Bank finalment ircieva d-dokumentazzjoni korretta minghand is-socjeta' konvenuta u setghu jigu effetwati l-pagamenti li kienu dovuti". Mid-dokumenti esebiti mill-attur stess ma jirrizultax li dan ix-xhud huwa korrett in kwantu jirrigwarda din l-ahhar affermazzjoni stante li fil-fatt jirrizulta li fit-3 ta' Ottubru 2001 sar pagament ta' Lm6.50 biss u li l-bilanc dovut lis-socjeta' konvenuta fil-fatt thallas permezzz ta' pagamenti li gew effetwati fit-12 ta' Diceembru 2001 u fid-29 ta' Jannar 2002 (vide dokumenti a fol. 31 sa 35 tal-process). Dawn il-pagamenti kollha saru permezz ta' 'direct debit' mill-kont numrru 050-059443-001.

Illi s-socjeta konvenuta tinnega li hija qatt irceviet xi 'Mandate Form' lura minghand il-Bank kif qed isostni Frans Micallef u inoltre tirribadixxi li fi kwalunkwe kaz id-dettalji tal-kont ikunu inghataaw lilha mill-klijent, u cioe' l-attur fil-kaz odjern. F'dan ir-rigward l-istess attur jsostni li saret traskrizzjoni zbaljata tan-numru tal-kont tieghu fuq il-'Mandate Form' da parti tas-socjeta' konvenuta. Minn ezami taz-zewg kopji tal-'Mandate Form' esebiti fil-process jirrizulta li fuq il-kopja esebita mill-attur (a fol. 36) in-numru tal-kont indikat huwa 5000 001 20500000112 mentri fuq il-'Mandate Form'' esebita minn Frans Micallef ( a fol. 38), u cioe' mill-Manager tal-Bank, dan in-numru huwa ngassat u fuqu hemm miktuba zewg numri ohra, 00500000120 u 0050059443001. Kif intqal aktar il-fuq, id-'direct debits' jidher li saru minn dan l-ahhar kont u ghalhekk wiehed jifhem lid an kien in-numru korrett. Ghalkemm mill-provi ma rrizultax min fil-fatt effetwa dawn il-korrezzzjonijiet fuq il-'Mandate Form' li kienet inserita fil-'file' tal-Bank, it-Tribunal huwa tal-fehma li dawn il-korrezzjonijiet ma setghux saru mis-socjeta' konvenuta u dan ghal diversi ragunijiet. Kif diga' spjegat aktar il-fuq, fuq il-kopja tal-'Mandate Form' li esebixxa l-attur hemm numru ta' kont wiehed biss imnizzel, cioe' dak li huwa ngassat fuq il-formola esebita mill-Bank. Dan in-numru rrizulta li m'huwiex in-numru korrett, u cioe' in-numru tal-kont minn fejn saru d-'direct debits'. Il-kopja tal-'Mandate Form' esebita mill-attur hija debitament iffirmata minnu u

dan jindika li dan in-numru inghata lis-socjeta' konvenuta mill-istess attur. L-attur jghid li kien hemm zball fit-traskrizzjoni tan-numru da parti tas-socjeta' konvenuta izda t-Tribunal jeskludi din l-ipotesi stante li n-numru korrett huwa ghal kollox differenti minn dak indikat fuq il-formola esebita mill-attur. Din l-ipotesi kienet tkun plawzibbli kieku kien hemm zball f'xi numru jew tnejn izda mhux meta n-numru kollu huwa differenti. Inoltre jrid jigi rilevat li l-attur iffirma l-'Mandate Form' in kwistjoni u dan ifisser li huwa kien qed jiccertifika l-korrettezza tad-dettaji kontenuti fl-istess formola.

Illi it-Tribunal jidhirlu li l-attur bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova xi forma ta' negligenza da parti tas-socjeta' attrici in kwantu jirrigwarda d-diffikultajiet konnessi mal-esekuzzjoni tad-"Direct Debit Mandate' minnu moghti lill-Bank. Kif diga' inghad ma rrizultax car min kien responsabbli ghal dan id-disgwid pero' certament ma giex pruvat li dan id-disgwid kien imputabbli lis-socjeta' konvenuta. Isegwi ghalhekk li l-iistess socjeta' konvenuta kienet intitolata tissospendi s-servizz minnha provdut lill-attur ai termini tal-klawzola 10 tal-ftehim vigenti bejn il-partijiet citata aktar il-fuq.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u konsegwentement billi jichad it-talbiet attrici.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------